# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016

Talba Numru: 18/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 30

**Larissa Emmanuelle Bonaci (115587M)**

**'Narcis', Triq il-Fjuri,**

**San Pawl il-Bahar**

**Vs**

**Studio 7 Productions Limited (C25719)**

**Dar it-Torri, Lord Byron Street, Naxxar**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici li permezz taghha ppremettiet li hija kienet iffirmat kuntratt mas-Socjeta' intimata fejn hija ntrabtet li tipprovdi s-servizzi taghha lis-Socjeta' intimata ghal perjodu ta' sena (kopja tal-kuntratt Dok 'A') liema kuntratt gie terminat fit-12 ta' Marzu, 2014; li tul iz-zmien li l-kuntratt kien vigenti r-rikorrenti ma thallset xejn minghand is-Socjeta' intimata; li ghalhekk ir-rikorrenti fuq bazi kemm kuntrattwali kif

ukoll ta' ekwita, ghandha tinghata kumpens xieraq, tenut kont tal-fatt li hija baqghet disponibbli lejn is-Socjeta' intimata sakemm il-kuntratt gie terminat u kwindi ma setghatx taccetta opportunitajiet ohra; li ghal finijiet ta' kompetenza r-rikorrenti qed tillimita t-talba taghha ghall-massimu li jista jigi likwidat minn dan it-Tribunal u kwindi qed tirrinunzja ghal kwalunkwe ammont iehor li jista jkun dovut lilha f'dan ir-rigward mis-Socjeta' intimata; u ghaldaqstant talbet li dan it-Tribunal jiddikjara li s-Socjeta' inimata ghandha thallas kumpens xieraq lir-rikorrenti, tillikwida l-kumpens dovut lill-istess rikorrenti u tikkundanna lis-Socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata bl-ispejjez.

Ra li fl-avviz l-ammont li qed titlob l-attrici huwa ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) jew somma verjuri.

Ra l-kuntratt esebit mill-attrici bhala Dok A fol 2 et tal-04 ta' Lulju, 2013.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda stante li kif kienet taf l-istess rikorrenti l-ezekuzzjoni tal-kuntratt mill-esponenti kienet dipendenti esklussivament fuq kondizzjoni li kienet totalment estraneja mill-volonta' tal-esponenti liema kondizzjoni baqghet ma avveratx ruhha u kwindi l-istess esponenti sabet ruhha f'impossibilita' li tezegwixxi l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt *de quo*; li minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda xoghol a favur tal-esponenti u kwindi ma hemm l-ebda somma dovuta lejha u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda; li minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana stane li l-istess attrici kienet taf bil-fatt li l-kondizzjoni fuq imsemmija ma avvertx ruhha u kwindi kien jinkombi fuqha li, jekk tabilhaqq kellha ingaggi ohrajn, tinforma lill-esponenti li kellha tali ingaggi u taccettahom u ma ghandhiex issa tilmenta li ma accettatx tali ingaggi ghal ragunijiet imputabbli lill-esponenti; li fi kwalunkwe kaz ikun tabilhaqq jikser il-principju ta' ekwita' kieku l-esponenti kellha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti meta l-istess rikorrenti, *ex admissis*, ma tat l-ebda servizz lill-esponenti u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda; li fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt; li minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, inoltre, in vista tal-fatt li l-azzjoni attrici hija bazati fuq l-premessa li kellha opportunitajiet ohrajn, ghandha semmai ggib prova tal-istess opportunitajiet alternattivi; bl-ispejjez.

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal diversament presedut a fol 11 li permezz tieghu ordna li jigu inversi l-provi fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta' konvenuta.

A fol 3 et xehdet Susan Pisani, Direttur tas-Socjeta' konvenuta u kkonferma li l-kuntratt li sar mal-attrici esebit Dok 'A' tal-04 ta' Lulju, 2013 ffirmatu hi. Xogholha kien li tipprezenta programm li s-Socjeta' konvenuta kienet ser tipproduci ghal klijent li kellu jintwera fuq l-internet u li ghandu x'jaqsam mal-gaming. Il-klijent kien entita' tal-gaming. Ipprezentat Dok SP1 a fol 16 et biex turi li s-Socjeta' konvenuta kellha kuntratt ma' din is-Socjeta' tal-gaming bl-isem Yggdrasil Gaming Gibraltar Limited izda l-programmi ma bdewx minhabba li din l-kumpanija kellha xi diffikultajiet fil-licenzji permessi mal-Gaming Authority ta' Malta. Il-licenzja biex din il-kumpanija tipprovdi servizz ta' 'jackpot' baqghet ma gabithiex mill-Gaming Authority ta' Malta u li s-Socjeta' konvenuta ma kienet involuta f'xejn ghal dak li jirrigwarda applikazzjoni u hrug ta' permess. Huma kienu biss ser jipprovdu s-servizz minn fejn dan is-servizz ta' 'jackpot' ikun jista jigi mwettaq.

Kienu saru xi auditions u din l-kumpanija ghazlet lill-attrici u l-attrici kienet taf li hija kienet ser twettaq is-servizzi lejn din is-Socjeta'.

Gara li kien hemm dewmien u nfurmaw lill-attrici u anke tawha kumpens ghal hin li kienet impjegat fl-auditions u fil-provi li ghamlet mas-Socjeta' konvenuta u tal-ispejjez ta' xiri ta' hwejjeg ghal dawn ir-recordings u dan kien fis-sajf tas-sena 2013 u l-attrici accettat dan il-hlas. Infurmawha wkoll permezz ta' ittra li minhabba dan id-dewmien da parti tal-klijent huma ma setghux iwettqu l-kuntratt li kien sar maghha.

In kontro-ezami x-xhud Susan Pisani kkonfermat li meta l-attrici marret ghall-interview kien hemm Timmy Bartolo Parnis ghan-nom tas-Socjeta' konvenuta flimkien maghha u mal-klijent barrani. Qablet li l-hlas li sar lill-attrici in linja ta' kumpens gie mwettaq hafna zmien qabel mas-Socjeta' konvenuta infurmatha bil-miktub li ma setghux iwettqu l-ftehim li kellhom. Qablet ukoll li l-attrici ma kienetx parti mill-kuntratt li s-Socjeta' konvenuta ghamlet mal-klijent Dok SP1 kif il-klijent ma kienx parti mill-kuntratt li s-Socjeta' konvenuta ghamlet mal-attrici.

A fol 36 x-xhud pprezentat l-hlasijiet li saru lill-attrici Dok TBIP1 fol 37 et u spjegat li l-hwejjeg inxtraw minn Emily Zampone u mhux mill-attrici u r-rifuzjoni tal-ispejjez tal-hwejjeg inghatat lil Zampone .

A fol 32 et xehed Timothy Bartolo Parnis li dak iz zmien kien Gaming Media And Productions Manager mas-Socjeta' konvenuta u dam jahdem ma' l-istess Socjeta' sakemm telaq f'Mejju, 2014. Huwa kkonferma l-kuntratt a fol 16 et mas-Socjeta' Yggdrasil Gibraltar Limited u li permezz tieghu s-Socjeta' atttrici kienet qed toffri s-servizzi tal-istudios b'mod generali nkluz ukoll t-talent bhal ma huwa tal-attrici f'dak li jirrigwarda li tipprezenta certu programmi. Parti minn xogholu kien li jsib lill-atturi u t-talenti li mbaghad jiehdu hsieb dan il-life gaming. L-attrici intaghzlet biex tahdem in konnessjoni ma' dawn il-programmi u l-kuntratt a fol 2 ippreparah hu izda huwa ma kienx deher biex jiffirmah.

L-attrici kellha tipprovdi servizzi ta' lotterija u d-data meta setghu jibdew joperaw l-kumpanija Yggdrasil Gibraltar Limited qatt ma nghata lilhom u dan ghax kienet marbuta mal-hrug ta' permess jew licenzja mill-Gaming Authority. F'Lulju 2013 bdew ir-rehearsals u lill-attrici kienu jinfurmawha b'kollox.

Huwa pprezenta Dok TPB1 rendikont tal-pagamenti li saru lill-attrici ghal dawn ir-rehearsals. Spjega li l-attrici kienet libera li tiehu xoghol iehor pero' peress li din il-lotterija kienet ser tixxandar kuljum kienu ghamluhielha cara li kellha tkun disponibbli kuljum u talbuha zzommu dak il-hin liberu.

F'Dicembru, 2013 l-attrici staqsietu tistax taccetta xoghol band'ohra u huwa ta l-go ahead u in kontro-ezami xehed li dan kien ghal xi gimghatejn, tlieta.

In kontro-ezami xehed li l-attrici ma kellha ebda nvolviment dwar il-kuntratt li sar bejn is-Socjeta' konvenuta u Yggdrasil, u li l-attrici kellha tkun disponibbli ghal siegha kuljum ghalkemm il-programm kien ta' xi erba' minuti. F'Novembru, 2013 huma kellhom indikazzjoni li l-licenzja mhix ser tingata izda baqghu bit-tama li l-licenzja tohrog.

Il-ftehim mal-attrici gie terminat f'Marzu, 2014 izda huma xorta baqghu bit-tama li din l-licenzja tohrog.

In ri-ezami huwa xehed li r-rehearsals kienu lesti f'Awwissu, 2013 bl-intendiment li jekk tohrog il-licenzja u l-permess jsiru gimgha rehearsals u jibdew il-programmi. Sa Awwissu, 2013 kienu ghad minghalihom li l-licenzja ser tohrog.

Fol 43 et xehdet Rebecca Duca in rapprezentanza tal-Malta Gaming Authority li l-licenzja lil Yggdrasil Gibraltar Limited inharget fit-22 ta' April, 2013 u l-licenzja hija Class 4 License u permezz taghha l-operatur ikollu d-dritt li joffri s-servizz ta' Casino Games lill-operaturi ohra. Spjegat li l-loghob in kwistjoni jikkomprendi slot machine games bhal ma huma r-roulettte u affarijiet hekk, anke loghob tal-karti. Hija prezentat kopja tal-licenzja Dok RD1 a fol 44.

A fol 50 et l-attrici fl-affidavit taghha tispjega kif hadet il-kuntratt tas-Socjeta' konvenuta u f'hiex kien jikkonsisti xogholha. Li kellha tithallas hamsin ewro (€50) fis-siegha ghal xoghol ta' prezentazzjoni u wara li tinqabes l-ewwel siegha l-hlas isir proporzjonalment ghal kull kwarta zejda li tahdem (Klawsola 3.1(i) ghax-xoghol ta' voice over ir-rata minima' kienet ser tkun ta' tletin ewro (€30) fis-siegha li tinhadem bl-istess mod) (Klawsola 3.1 (ii) Oltre dan kien hemm ftehim li hija tahdem mill-anqas darbtejn fil-gimgha ghal dak li jirrigwarda prezentazzjoni u darbtejn fil-gimgha ghal dak li jirrigwarda voice over u dan tnizzel bil-miktub fi Klawsola 3.2. li ghalhekk hija kellha introjtu minimu ta' mija u sittin ewro (€160) eskluz vat fil-gimgha ghal tnax-il xahar izda x-xoghol kien ser ikun izjed minn hekk).

F'Lulju, 2013 saru r-rehearsals regolari u ma kienx hemm problem izda f'daqqa wahda r-rehearsals waqfu f'daqqa. Hija baghtet l-invoice ghar-rehearsals li kienet ghamlet sa dak iz-zmien u thallset lejn l-ahhar ta' Awwissu, 2013.

Baqghu jghidulhom li kienu ser jibdew jahdmu dalwaqt u f'Settembru meta hija bdiet ccempel lil Timmy Bartolo Parnis b'mod regolari sabiex tara meta kienu ser jibdew il-programmi, huwa dejjem kien jghidilha li dalwaqt u li kienu qed jirrangaw xi affarijiet fil-loghba u li kien hemm xi issues bis-server izda li dalwaqt kollox kien ser jitlesta.

Gara li fil-11 ta' Ottubru, 2013 permezz ta' e-mail Bartolo Parnis infurmaha li kien ser ikun hemm rehearsal schedule gdida minhabba li kien hemm bidla fl-istruttura tal-loghba u hija u Adreana kellhom jindikaw il-granet u hinijiet meta kienu ser ikunu disponibbli nkluz weekends sabiex jaghmlu r-reheasals li kellhom ikunu ta' saghejn

fl-istudio. Huwa infurmhom ukoll li l-programm kien ser jibda jittrasmetti mill-01 ta' Dicembru, 2013. Hija u Adreana tawh d-dati li kienu jistghu izda ma semghu xejn aktar. Kien fid-29 ta' Ottubru, 2013 permezz ta' e-mail minghand l-istess Bartolo Parnis li gew infurmati li kien qed jipprova jippjana r-rehearsals ghal gimgha ta' wara u li huwa xtaq li jsiru filghaxija.

L-attrici cemplitlu diversi drabi izda baqa' ma sar xejn u fid-29 ta' Novembru, 2013 huwa baghtilhom e-mail fejn infurmaha li kien hemm xi tahdidiet ghaddejjin minn Yggdrasil Gaming Limited mal-Lotteries and Gaming Authority u minn hemm hija rrealizzat li l-programm lanqas kien ser jibda fl-01 ta' Dicembru, 2013. Qallha wkoll li kien hemm it-tama li l-programm jibda s-sena d-diehla fuq bazi ta' kuljum u qallha biex tiehu ftit izjed pacenzja. Fl-04 ta' Dicembru hija baghtitlu e-mail fejn talbitu aktar kjarifiki u anke talbitu l-hlas u huwa rrispondiha li d-diskussjonijiet ghaddejjin bejniethom dwar il-hlas li kellha tircievi.

L-attrici tikkontendi li la l-programm ma kienx ser jibqa qabel s-sena 2014 hija ma kellhix bzonn titlob li tkun assenti ghal xi zmien f'Dicembru, 2013 kif allega Timmy Bartolo Parnis u tichad li hija ma kienetx disponibbli ghalihom f'Dicembru, 2013.

Kien fis-16 ta' Jannar, 2014 imbaghad li regghet irceviet e-mail minghand Timmy Bartolo Parnis li xtaq li jaghmel training session ghal crew kollu fil-gimgha tal-10 ta' Frar, 2014 u tahhom d-dettalji kollha; izda wara nfurmhom li d-data inbidlet ghal-11 ta' Frar, 2014 fis-7.30pm. Sadanittant fis-27 ta' Jannar, 2014 irceviet ittra minghand is-Socjeta' konvenuta li l-kuntratt li hija kienet ffirmat kien qed jinzamm on hold u xtaqu li jsir xi addendum mal-kuntratt taghha izda hija ma rrispondiethom xejn u hadet parir legali. Fil-11 ta' Frar, 2014 irceviet e-mail minghand Timmy Bartolo Parnis fejn talabhom jiehdu libsa maghhom ghat-training session ta' dak inhar filghaxija. Hija nfurmatu li kienet assumiet li ma kienux ser jiltaqghu sakemm jircievu avviz iehor u kemm hi u Andreana Debattista kellhom pjanijiet ohra ghal dak inhar u rreferietu ghall-ittra tas-27 ta' Jannar, 2014 tas-Socjeta' konvenuta. Bartolo Parnies qallhom li l-ittra ma kellha x'taqsam xejn mar-rehearsals u li kien ser jinforma lil Emilie Zamponi ta' Yggdrasil Gaming Limited.

Fit-12 ta' Frar, 2014 l-attrici rceviet e-mail minghand Timmy Bartolo Parnis biex jiltaqghu u jiddiskutu l-pozizzjoni taghhom u nfurmhom li suppost il-programm kellu

jibda lejn l-ahhar ta' April, 2014 bi programmi ta' kuljum. Ma semghet xejn minghandhom u fit-03 ta' Marzu, 2014 hija baghtet e-mail lil Sue Pisani u talbitha biex jiltaqghu halli jiddiskutu s-sitwazzjoni dwar il-programm Lotto 7 u dwar l-ittra tas-27 ta' Jannar, 2014 li baghtet lilha u lil Debattista.

Iltaqghu fil-11 ta' Marzu, 2014 ma' Sue Pisani u qalulha li huma riedu jithallsu tax-xhur precedent tenut kont tal-fatt li ma setghux jiehdu xoghol iehor u Pisani fehmet id-diffikultajiet taghhom u staqsiethom kienux disposti li jithallsu ghax-xhur precedent fuq bazi mensili. Hija ammettiet li skont il-kuntratt huma kellhom jibdew jithallsu mill-bidu tal-kuntratt minhabba li x-xoghol suppost kien beda mill-ewwel. Pisani infurmahom li l-problema kienet ma' Yggdrasil Gaming limited u l-kuntratt li s-Socjeta' konvenuta kellha maghhom kienu obligaw ruhhom li jhallsu lis-Socjeta' konvenuta ladarba jibdew il-programmi. Tali klawsola ma kienetx fil-kuntratt tal-attrici u ta' Debattista.

Kien fit-12 ta' Marzu, 2014 li hija rceviet e-mail minghand Sue Pisani li l-kuntratt gie terminat min-naha taghhom u dan ma kienx tort taghhom. Hija kitbitilhom fis-27 ta' Marzu, 2014 ghal hlas u tali talba giet rifjutata. Ghamlet ittra ufficjali u hija tippretendi hlas ta' mija u sittin ewro (€160) fil-gimgha eskluz vat skont il-kuntratt u ghal sena kellha tithallas tmint elef tlett mija u ghoxrin ewro (€8,320) eskluz vat izda hija qed titlob biss tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494).

Ra d-dokumenti kollha esebiti mal-affidavit tal-attrici.

In kontro-ezami (fol 89) l-attrici xehdet u kkonfermat li fid-29 ta' Novembru, 2013 hija kienet giet infurmata li kien hemm problema ta' licenzja tal-Awtorita' tal-Gaming u li veru li l-kuntratt ma kienx jorbotha izda peress li dejjem il-hopes kienu li ser jibdew u peress li kienu jaghmlu erba' sa hamsa forsi gimgha shiha jahdmu kuljum jew erbat ijiem kien commitment ghaliha li zzomm dan il-hin free u ma setghax tikkommetti ruhha ghal xogholijiet ohra fejn jaqsam xena tal-palk, entertainment, television ghax kollox qis jaqa' f'dawk il-hinijiet.

Veru wkoll li kienu gew infurmati li d-data tal-ewwel (01) ta' Dicembru hija li starting date u li dan saru jafu bih permezz ta' e-mail tal-11 ta' Ottubru, 2013. Taqbel li s-Socjeta' konvenuta kienet ghalhekk gharfitha f'Ottubru, 2013 li qabel Dicembru x-xoghol ma kienx ser jibda pero' kienet ilha tistenna minn Lulju u li l-commitment taghha kien mill-ewwel (01) tal-Lulju sa dak iz-zmien u qabel l-email tal-11 ta'

Ottubru, 2013 xorta kien hemm e-mails ohra li ser jibdew r-rehearsals. Tammetti li r-rehearsals li kien hemm qabel l-email tal-11 ta' Ottubru, 2013 hija thallset taghhom u dawn kienu f'Awwissu jew lejn l-ahhar ta' Lulju u Awwissu. Kif iffirmaw il-kuntratt bdew ir-rehearsals u xtraw il-hwejjeg ghal programm biex jibdew il-filming izda imbaghad waqfu dawn ir-rehearsals. Kien hemm ukoll e-mails li suppost kellhom r-rehearsals qabel l-ewwel (01) ta' Dicembru mibghuta minn Timmy Bartolo Parnis.

Veru li ma kienx jimponi dati Timmy Bartolo Parnis izda huma riedu jkunu available fil-hinijiet li skont il-kuntratt riedet izzommhom free. Forsi seta' qallha li kien hemm problem bil-licenzja izda qatt ma qallha li mhux ser jibdew jew li qallha li ser jieqfu u meta staqsietu hemmx compensation huwa qallha li ser jitkellem fuqha.

In ri-ezami l-attrici xehdet li l-kuntratt iffirmawh f'Lulju, 2013 u mill-ewwel kienu ser jibdew tant li kienu xtraw il-hwejjeg u bdew r-rehearsals, l-istudio kien lest u ghaliha li ha jibdew. Dwar kumpens li hija ssugeriet lil Timmy Bartolo Parnis hija spjegat li hija kienet ma' tnejn ohra li ser jipprezentaw dan il-programm, hija u ohra bil-kuntratt u l-ohra u huma kienu committed, taw dan l-hin kollu, kellhom inehhu xogholijiet jew ma jiehdux commitments ohra. Il-fatt li sa Dicembru xi ftit compensation ghalina minhabba li huma kienu daqshekk committed u taw il-hin taghhom u zammewh free ghax kien il-ftehim.

Ra l-affidavit ta' Andreana Debattista li jispekja dak li xehdet dwaru l-attrici fl-affidavit taghha u li anke hija kkommunikat mal-Avukat taghha biex jiehdu passi kontra s-Socjeta' konvenuta.

Ra l-affidavit ta' Myra Baldacchino li fis-sena 2013 kienet qed tiehu hsieb il-produzzjoni tal-programm Sheriff's Kitchen li kellu jibda f'Ottubru, 2013 u jibqa ghaddej sa Jannar, 2014. Il-programm kien jigi trasmess darba fil-gimgha u biex jittella kien hemm bzonn ta' filming fil-weekends u cioe' kemm is-Sibt kif ukoll il-Hadd u xi darbtejn ohra matul il-gimgha wara nofsinhar ghalkemm dawn kienu jvarjaw skont il-bzonn tal-programm. Fis-sajf 2013 hija avvicinat lill-attrici biex tipprezenta dan il-programm u dan kien ghal habta ta' Awwissu. Tal-programm hija kienet ser tithallas mitt ewro (€100) kull programm. L-attrici qaltilha li ma setghetx tipprezenta l-programm minhabba li diga kellha commitments ohrajn.

In kontro-ezami (fol 94 et) x-xhud ikkonferma li kienet qed tiehu hsieb il-produzzjoni ta' Sheriff's Kitchen u x-xoghol kien li jfittxu l-prezentaturi u meta kelmet lill-attrici u staqsietha li xtaqitha tipprezenta dan l-propramm u meta spjegatilha x'kien jinvolvi u hinijiet ta' filming, inkluz weekends u matul il-gimgha wara nofsinhar, hija wegbitha li ma setghatx taccetta ghax ghandha 'another commitment'. Regghet spjegat li dan kien jinvolvi li tkun hemm fil-weekends zgur u matul il-gimgha xi darbtejn fil-gimgha. Commitments ohra x'kienu l-attrici ma qaltilhiex x'inhuma u fuq domanda ohra tal-Avukat tas-Socjeta' konvenuta hija regghet spjegat li l-filming schedule kien ser ikun darbtejn fil-gimgha u mbaghad weekends.

In ri-ezami Baldacchino spjega li kieku accettat l-attrici li tkun l-main presenter tal-programm kien ikollha program ta' tlettax-il episodju x'tipprezenta.

Ra l-verbal tat-23 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu l-parijiet ddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Din hija kawza li tiddependi minn dak li jghid il-ftehim li ghamlu l-partijiet u li jinsab a fol 2 et tal-process liema ftehim gie ffirmat bejn il-partijiet fl-04 ta' Lulju, 2013 u li ghalhekk it-talba tal-attrici tista tirrizulta biss jekk kien hemm ksur tal-ftehim da parti tas-Socjeta' konvenuta.

Is-Socjeta' konvenuta eccepiet fl-ewwel eccezzjoni taghha li l-attrici kienet taf li l-ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim kienet tiddependi mill-ghoti tal-licenzja mill-Malta Gaming Authority lil kumpanija estera Yggdrasil Gaming Limited sabiex ikun jista jsir il-programm jew draw shows kif jissejhu fl-istess ftehim.

It-Tribunal fela dan il-ftehim bir-reqqa u ma jirrizulta xejn minn dak li eccepiet is-Socjeta' attrici fl-ewwel eccezzjoni taghha u ma jsemmi xejn li tali ftehim huwa suggett li tinghata tali licenzja lil din il-kumpanija estera. Din mhix kwistjoni ta' impossibilita' kif qed tikkontendi s-Socjeta` konvenuta izda nuqqas min-naha taghha

li tnizzel fl-imsemmi ftehim li l-esekuzzjoni tal-ftehim kien jiddependi mill-ghoti ta' din il-licenzja lill-kumpanija estera.

Illi difatti l-Kodici Civili taghna fl-Artikolu 1133 jghid hekk: "*Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jigI kkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kienx htija".*

U jkompli fl-Artikolu 1134 tal-istess Kodici*: "Id-debitur mhux obbligat ghad-danni jekk hu ma setax jaghti jew jaghmel il-haga li obbliga ruhu li jaghti jew li jaghmel, jew ghamel il-haga li ma kellux jaghmel, minhabba forza magguri jew minhabba accident".*

Illi mill-provi jirrizulta li dan il-ftehim ma giex ezegwit mhux minhabba xi forza magguri jew minhabba accident jew minn xi haga barranija li taghha d-debitur ma kienx htija izda minhabba li s-Socjeta' konvenuta naqset li tinkludi fl-istess ftehim din il-kondizzjoni li tali ftehim huwa suggett ghal tali licenzja.

Illi fuq kollox jigi rilevat li l-ftehim huwa ligi bejn il-partijiet u dan kif jirrizulta mis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili u mill-gurisprudenza taghna:

L-artikolu *992: (1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi*

*L-Artikolu 993: Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi.*

Fis-sentenza **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et**[1] il-Qorti irriteniet: *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa ………… li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda".*

Fis-sentenza **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti**, il-Qorti irriteniet *"Hu forsi opportun li jingħad bi preliminari illi ġialadarba kuntratt għandu forza ta' liġi bejn il-partijiet li jagħmluh [Artikolu 992 (1) Kodiċi Ċivili], l-interpretazzjoni tiegħu tinneċessita' li wieħed jestraja minnu, skont ir-regoli magħrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti."*

**Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino**[2] u **Raymond Vella u Joseph Vella vs Neil Duffy u Kim Duffy**[3] fejn il-Qorti irriteniet illi *"l-Qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obligazzjoni sa mill-bidu, ċioe' ir-rationalis prinċipium, huwa l-pacta sunt servanda."*

Fis-sentenza **Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu propju u in rapprezentanza tas-Socjeta' Sullivans Ltd**: Il-Qorti irriteniet *"Proprju bl-ewwel Artikolu msemmi (992) il-Kodici Civili jesprimi l-principju illi l-kuntratt, maghmul skont il-ligi, ghandu sahha ta' ligi ghall-kontraenti partecipanti fih [subinciz (1) tieghu]. Strettament, u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta` unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u, in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi (subinciz 2)."*

[1] First Hall Civil Court, decided on the 30th May 2002, reference 3535/96, 20
[2] Court of Appeal (Superior) Decided on the 11th November 1997, Volume 81 (1997) Part No. 2, Section 1, 840

[3] Small Claims Tribunal, decided on the 22nd July 2010 Reference 23/2010 and Creek Company limited (C 14232) vs. l-Avukat Dottor Joseph Grech et decided on the 16th June 2010

Illi mill-provi u diversi e-mails skambjati bejn il-partijiet, jirrizulta li lill-attrici dejjem tawha x'tifhem li l-ftehim ghadu fis-sehh u li l-programmi ser isiru u kien biss f'Dicembru, 2013 li hija giet mgharfa ufficjalment li l-programmi ma kienux ser isiru ghax iil-licenzja baqghet ma hargitx. Difatti jekk wiehed jara l-emails liema e-mails ma gewx kontradetti mis-Socjeta' konvenuta jirrizulta din is-sekwenza tal-fatti:

Il-ftehim gie fis-sehh fl-04 ta' Lulju, 2013 u kien ghal sena;

F'Lulju, 2013 bdew ir-rehearsals izda waqfu u l-attrici thallset lejn l-ahhar ta' Awwissu, 2013 u ma sar xejn sal-11 ta' Ottubru, 2013 meta Timmy Bartolo Parnis informa lill-attrici li ser ikun hemm rehearsal schedule gdida.

Fis-29 ta' Ottubru, 2013 l-istess Bartolo Parnis informa lill-attrici li kien qed jipprova jippjana r-rehearsals.

Baqa' ma sar xejn u fid-29 ta' Novembru, 2013 lill-attrici nfurmawha li l-programm ma kienx ser jibda qabel is-sena 2014.

Fis-16 ta' Jannar, 2014 Bartolo Parnis infurmaha li xtaq jaghmel training session fil-gimgha tal-10 ta' Frar, 2014 u fl-20 ta' Jannar, 2014 gie miftiehem li t-training session ssir fil-11 ta' Frar, 2014 fis-7.30pm.

Fis-27 ta' Jannar, 2014 l-attrici giet infurmata minn Sue Pisani tas-Socjeta' konvenuta li l-ftehim kienet ser izzommu on hold u li xtaqu li ssir xi addendum mal-ftehim taghha.

Gara li l-attrici hadet parir legali u ma nfurmat b'xejn lis-Socjeta' konvenuta u meta fil-11 ta' Frar, 2014 talbuha biex tmur ghat-training session hija nfurmathom li kellha impenji ohra.

Fit-12 ta' Frar, 2014 Bartolo Parnis ippropona li tiltaqgha mieghu biex jiddisktu l-pozizzjoni taghha u li l-programm suppost kellu jibda lejn l-ahhar ta' April, 2014.

Fil-11 ta' Marzu, 2014 iltaqghet l-attrici ma' Sue Pisani u nfurmathom li kellhom xi problem mas-Socjeta' Yggdrasil Gaming Limited.

Fit-12 ta' Marzu, 2014 l-attrici giet infurmatha permezz ta' e-mail minn Sue Pisani li l-ftehim gie terminat.

Illi l-argument tas-Socjeta’ konvenuta li l-attrici ma kienetx disponibbli ghat-training session tal-11 ta’ Frar, 2014 u ghalhekk ma tistax titlob danni bir-rispett kollu ma jregix tenut kont li tali assenza ma giex pruvat li l-attrici kkawzat ebda konsegwenzi ghal din l-assenza u l-programm ma sarx mhux htija tal-attrici.

Illi dwar id-danni mitluba mill-attrici, l-attrici ppruvat li hija kellha opportunita’ ta’ xoghol liema opportunita’ ma kellhiex taccetta minhabba li kienet marbuta mas-Socjeta’ konvenuta. Myra Baldacchino kkonfermat li hija kienet avvicinat lill-attrici biex tipprezenta Sheriff’s Kitchen sensiela ta’ 13- il episodju u li kienet ser tithallas taghhom mitt ewro (€100) kull programm liema somma komplessivament tammonta ghal elf u tlett mitt ewro (€1,300). Skont il-ftehim li kellha mas-Socjeta’ konvenuta hija kellha tithallas mija u sittin ewro (€160) fil-gimgha eskluz vat u li kieku sehh l-kuntratt kienet taqla tmint elef, tlett mija u ghoxrin ewro (€8,320) eskluz vat li minnhom thallset sitt mitt ewro (€600) fol 37. Dwar il-hwejjeg tal-attrici mhallsa mis-Socjeta’ konvenuta dan it-Tribunal ma jistax jikkonsidra dan bhala pagament lill-attrici.

Dwar is-somma mitluba mill-attrici, cioe’ dik ta’ tlett elef, erba` mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) jew anqas, dan it-Tribunal wara li qies li l-attrici kellha hin ghal xoghol iehor meta l-ftehim kien ghadu fis-sehh, jordna li s-somma ta’ elfejn ewro (€2,000) tkun gusta u ekwa.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta’ konvenuta ghajr dik li l-attrici kellha opportunitajiet ta’ xoghol iehor fil-mori tal-ftehim, u jilqa’ t-talbiet attrici u jiddikjara li s-Socjeta’ konvenuta kisret il-ftehim li kellha mal-attrici u jordna lis-Socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn ewro (€2,000) bl-interessi jibdew jghoddu mil-lum.

Spejjez karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**